# Smigħ Tikka Malti 6a

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq merlinpublishers.com/podcasts/tikkamalti-6a/**

*Paġna 18*

**Iċ-Ċkejken Prinċep** *addattata mill-oriġinal ta' Antoine de Saint-Exupéry*

Meta kont żgħir, ridt insir pittur. Imma ħadd ma kien jifhem it-tpinġijiet tiegħi u allura meta kbirt iddeċidejt li ma nsirx pittur. Minflok, sirt pilota.

Darba waħda, l-ajruplan li kont qed insuq kellu l-ħsara u spiċċajt f'nofs id-deżert. Kien hemmhekk li ltqajt maċ-Ċkejken Prinċep, tfajjel il-ġmiel tiegħu.

"Jekk jogħġbok pinġili nagħġa …" Din kienet l-ewwel ħaġa li qalli.

"Ma nafx inpinġi," weġibtu.

"Ma jimpurtax, pinġili nagħġa."

Kelli nħażżeż xi ħaġa kif naf. "Qed taraha dil-kaxxa? In-nagħġa tiegħek qiegħda fiha," għedtlu.

"Eżatt kif xtaqtha," qalli.

Imma ftit wara deher inkwetat. "In-nagħaġ jieklu l-pjanti?" staqsieni.

"Dażgur."

U bid-dmugħ f'għajnejh qalli, "Fejn noqgħod jien, għandi fjura waħda u jekk jieħu n-nagħġa se tikolhieli."

Serraħtlu rasu billi pinġejtlu ċinga biex ikun jista' jorbot ħalq in-nagħġa.

Iċ-Ċkejken Prinċep kien żar ħafna pjaneti u qagħad jirrakkuntali ma' min iltaqa'.

Fuq l-ewwel pjaneta ltaqa' ma' re li kulħadd kien jobdih. Hu jikkmanda u kulħadd jobdi. Anki l-istilel! Imma meta ċ-Ċkejken Prinċep talbu, "Ordna lix-xemx tinżel!" ir-re wieġbu, "Mela le. Illejla tinżel ix-xemx. Issa tara." U ċ-ċkejken iddejjaq jistenna. Allura telaq.

Fuq it-tieni pjaneta kien jgħix wieħed vanituż b'kappell tad-daħq. Kien jużah biex isellem lil min ifaħħru, imma sfortunatament, qatt ma kien jgħaddi ħadd minn hemm.

Fuq it-tielet pjaneta kien jgħix sakranazz imdejjaq.

Fuq ir-raba', iltaqa' ma' negozjant li kien qed jgħodd l-istilel. In-negozjant ried il-flus biex jixtri iktar stilel u joqgħod jgħoddhom u jerġa' jgħoddhom. "Tassew strambi dawn il-kbar," kien ħaseb iċ-Ċkejken Prinċep. Bl-ebda mod ma seta' jifhem kif jirraġunaw.

Fuq il-ħames pjaneta kien hemm kebbies tal-fanali.

Fuq is-sitt pjaneta, raġel xiħ jikteb il-kotba kbar.

Wara sitt pjaneti wasal fid-Dinja u ltaqa' ma' ġnien mimli ward li kien jixbah lill-fjura tiegħu. Għamel f'qalbu meta ra dak il-ward kollu għax kien ħaseb li l-warda tiegħu kienet l-unika waħda fl-univers kollu.

F'daqqa waħda ra volpi u għax kellu d-dwejjaq talbu jilgħab miegħu. Imma l-volpi ma kienx mans. "Trid timmansani l-ewwel," qallu l-volpi u spjegalu kif kellu jagħmel. "Irid ikollok ħafna paċenzja," qallu. "Għall-ewwel trid tpoġġi ftit 'il bogħod minni. U nibqgħu hekk, inħarsu lejn xulxin bla ma nitkellmu. Kull jum li jgħaddi nkunu nistgħu nibdew nersqu lejn xulxin." B'ħafna paċenzja, iċ-Ċkejken Prinċep irnexxielu jimmansa l-volpi. Meta wasal il-jum biex it-tifel ikompli triqtu, il-volpi qallu, "Għandi sigriet għalik. L-għajnejn ma jarawx l-iżjed affarijiet importanti. Dawk tista' tarahom b'qalbek biss. Il-bnedmin insewha dil-verità. Imma int tinsihiex."

Fl-aħħar, iċ-Ċkejken Prinċep wasal fid-deżert fejn iltqajna. Kien irnexxieli nsewwi l-ajruplan meta rajtu jitkellem ma' serp isfar minn dawk il-valenużi. Tlaqt kollox minn

idejja u tirt għal lejh. Imma wasalt tard wisq. "Irrid immur lura fuq il-pjaneta tiegħi," qalli nofsu mitluq. "Għax hemm għandi fjura li miskina, m'għandhiex min jipproteġiha."

Indunajt minnufih li ma kontx se narah iktar. "Tagħmilx f'qalbek," qalli, "kull darba li tħares lejn is-sema, l-istilel jitbissmu, u ftakar li jien se nkun fuq waħda minnhom."

Illum naf fiċ-ċert li qed jieħu ħsieb lill-fjura u lin-nagħġa tiegħu u jien, kull darba li nħares lejn l-istilel, narahom qed jitbissmu.

*Paġna 35*

**Avviż 1: Monti fil-bitħa tal-iskola ta' Ħal Patata**

U issa ngħaddu għal xi avviżi importanti mill-Iskola ta' Ħal Patata. Fil-jiem li ġejjin, l-iskola tar-raħal ċkejken Ħal Patata se torganizza monti fil-bitħa. Il-monti se jittella' b'risq il-Community Chest Fund u għaldaqstant il-qligħ kollu se jmur għal din l-organizzazzjoni li tant taħdem mat-tfal li jkollhom xi mard serju. F'dan il-monti se tkun tista' ssib minn kollox: minn pjanti sa ġugarelli, minn kotba sa oġġetti antiki, minn platti sa pożati. Ejja żurna l-iskola ta' Ħal Patata nhar is-Sibt u l-Ħadd 4 u 5 ta' Diċembru u ftakar li l-flus li se tonfoq se jmorru kollha għal min hu fil-bżonn.

*Paġna 36*

**Avviż 2: Tpartit ta' stikers tal-plejers tat-Tazza tad-Dinja**

L-ikbar avveniment li s-segwaċi tal-futbol ikunu qed jistennew, huwa bla dubju t-Tazza tad-Dinja. U aħna ta' Budini qed naħsbu fik. Iva, fik li għadek kif xtrajt l-album bit-timijiet kollha tat-Tazza tad-Dinja u għadek m'għaqqadtx il-plejers kollha. Mela x'qed tistenna? Ingħaqad magħna, għand Budini, fi Triq il-Merkanti, il-Belt fejn se jkun hemm numru ta' kollezzjonisti, lesti biex ipartu miegħek il-plejers li m'għandekx. Dan l-iskambju se jkun nhar il-Ħadd mid-9 ta' filgħodu sal-5 ta' waranofsinhar.

**Avviż 3: Kompetizzjoni għall-isbaħ proġett xjentifiku**

Waqt l-avveniment kbir *Science in the City* li jsir kull sena fil-Belt Valletta, se nħabbru r-rebbieħa tal-kompetizzjoni **Xjenza għaż-żgħar**. Din il-kompetizzjoni ilha għaddejja numru ta' xhur fl-iskejjel Maltin u Għawdxin kollha. Dawk it-tfal kollha li riedu jieħdu sehem, setgħu jagħmlu hekk bħala klassi sħiħa u kellhom jibnu, jivvintaw jew joħolqu esperiment xjentifiku … li sintendi jrid ikun jaħdem! U jkun oriġinali. Il-premju huwa 10,000 ewro u jingħata lill-iskola biex bihom tkun tista' tixtri kotba u riżorsi oħra marbuta max-xjenza. X'rigal sabiħ dak ħej!

*Paġna 49*

Id-dar ta' ħdejna nbniet fi żmien l-Ingliżi. Ester, il-mara li tgħix fiha, kienet xtratha mingħand familja Ingliża. Id-dar m'għandhiex isem biss. Għandha wkoll numru: 24. Din il-faċċata tad-dar hija waħda mill-isbaħ faċċati fit-triq tagħna. Waħda mill-isbaħ u waħda mill-iktar nodfa wkoll. Dejjem pinna. Imbajda bajda u Ester iġġib in-nies iduruha kull sena. Il-bieb huwa tal-injam u kuluru huwa ikħal. Malli jibda jitqaxxar, dlonk tara

lin-nies ġejjin iduruh. Il-pumi huma tar-ramm u antiki sewwa. Mhux l-ewwel darba li nsib lil Ester tllostrahom! Din il-faċċata għandha wkoll tliet twieqi mill-isbaħ. Kollha magħmula mill-injam u ħġieġ ikkulurit. Hemm ħġieġ isfar, oranġjo, aħdar u anki iswed. Il-forom ġeometriċi tal-ħġieġ, kif ukoll il-lavur fil-ġebla, ikomplu jagħmlu l-faċċata tad-dar ta' Ester unika u ta' min iħares lejha u jitpaxxa biha.

*Paġna 56*

**L-ewwel parti**

| | |
|---|---|
| Telma | Nieħu gost wisq nitla' l-Belt. |
| Tiffany | Anke jien. Iddur fejn iddur, tara xi skultura jew xi biċċa arti. |
| Telma | U issa li fetaħ il-mużew il-ġdid tal-Arti ... kemm għandna x'naraw hux! |
| Tiffany | Sabiħ wisq dan Muża. Hawn ħafna x'tara. Sewwa qed tgħid Telma. |
| Telma | Kważi tara waħda, tinsa l-oħra. |
| Tiffany | Il-ġimgħa d-dieħla nipprova nġib lil Kristina. |
| Telma | Tħobb tpinġi hux! |
| Tiffany | Ħafna, kemm tħobb. U anki tagħmel il-forom bit-tafal! |
| Telma | Ara kemm se togħġobha mela l-iskultura tal-*Les Gavroches*! |
| Tiffany | U żgur! Issa ngħidilha ftit fuq Antonio Sciortino u mbagħad inġibha tara l-iskulturi tiegħu. |
| Telma | Jekk mhux sejra żball kien studja Ruma hux għandu jkun? |
| Tiffany | Hekk hu! U għandu xogħlijiet ir-Russja, l-Amerka u anke l-Brażil. |
| Telma | Tiftakarha meta kienet il-Barrakka ta' Fuq il-*Les Gavroches*? |
| Tiffany | U kif. Min jaf kemm-il darba konna nduru magħha u nippruvaw naqbdu lil xulxin waqt xi logħba pulizija u ħallelin. |
| Telma | Jien għadni niftakarni mal-mamà tiegħi quddiem l-istatwa ikbar minni, qed tgħidli fuq dawn it-tliet itfal foqra li kienu jduru t-toroq ta' Pariġi fi żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża. Kemm kien iddispjaċieni għalihom. |
| Telma | U jidhirli dik l-istatwa ispirata minn *Les Miserables* ta' Victor Hugo. |
| Tiffany | Iva hekk hu. Kont rajt il-musical tiegħu Londra! |
| Telma | Iss vera? Kemm xtaqt rajtu Tiff, niftakar ma kontx sibt biljetti! Imma mbagħad minflok rajt tnejn oħra li xorta kienu sbieħ immens. |
| Tiffany | Ftit ilu lil Kristina bdejt naqralha *The Hunchback of Notre Dame*. Tal-istess awtur, Victor Hugo. Forsi xi darba noħodha tara l-musical issa wkoll. |
| Telma | U n-Notre Dame ta' Pariġi ... la jirranġawh ... |
| Tiffany | Xi traġedja kienet hux ... Kemm bkejt! |

*Paġna 57*

**It-tieni parti**

| | |
|---|---|
| Tiffany | X'se tordna? |
| Telma | Kafè u kannol. U int? |
| Tiffany | Te u kannol. Hemm hu l-waiter ara ... Biex nordnaw, jekk jogħġbok. |
| Waiter | Mela le, xi tridu? |
| Tiffany | Mela, ara: te u kafè u żewġ kannoli. |
| Waiter | Te normali? |

| | |
|---|---|
| Tiffany | Iva. |
| Waiter | U l-kafè? |
| Telma | Americano, jekk jogħġbok. |
| Waiter | Kollox sew. |

| | |
|---|---|
| Tiffany | Kont qed ngħidlek, jien, *Speed* togħġobni wisq ta' Sciortino. Dik il-preċiżjoni kollha … |
| Telma | Indunajt, rajtek imwaħħla magħha. |
| Tiffany | Impressjonatni kif jidhru. Kont ili naqra u nisma' dwarha imma meta taraha hekk quddiemek xi ħaġa differenti għalkollox. |
| Telma | Heqq, dak is-sabiħ tal-arti. Li ġieli tħallik bla kliem ukoll. |

*Jasal il-waiter*

Tiffany u Telma Grazzi.

*Jibda jinstema' ċ-ċekċik tal-kuċċarini u z-zokkor nieżel …*

| | |
|---|---|
| Tiffany | Proprja żwiemel tal-galopp ħerġin mill-blokka tal-bronż! Qishom qed itiru. |
| Telma | Bħalma qal Michelangelo mela … kull blokka fiha statwa u kulma jrid jagħmel l-artist joħroġha minn hemm! |
| Tiffany | Kelma tgħid! Xejn mhu faċli. |
| Telma | U żgur li le. Darba mort kors kont. Kors tal-iskultura. Trid ħafna paċenzja u perseveranza! |
| Tiffany | Isma', mhux biex naqtagħlek kliemek, imma dat-te kiesaħ madoff. |
| Telma | Ħa nara l-kafè. Iiiii, dan kiesaħ ukoll. Dawn x'affarijiet huma? Waiter!!! |
| Tiffany | Waiter … |

*Paġna 74*

**Il-leġġenda ta' *L-Għar ta' Mikelin* irrakkontata mill-ġdid minn Dwayne Ellul**

"Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, Ammen. Madonna, għamilni tifla brava. Papà fejn hi l-ħuta l-ħamra?"

"Għadna ma spiċċajniex, Ella. Rodd is-salib, imbagħad nitkellmu."

Irrodd is-salib malajr malajr, qisni qed inkeċċi d-dubbien u ntawwal dirgħajja lejn missieri biex jerfagħni. Kont indum f'dirgħajh sakemm nilmaħ xi waħda mit-tliet ħutiet li kien hemm fil-vaska ta' quddiem il-Madonna fl-Għar ta' Mikelin.

"U hemm ġew x'hemm, pa, f'dik id-daħla? Kemm hemm dlam!"

"Hemm darba kienet tgħix sirena."

"Bħal Ariel ta' Disney?"

"Heqq mela, anzi, isbaħ. Trid nirrakkuntalek l-istorja tagħha?"

Għadni niftakar ċar daqs il-kristall lil missieri, bilqiegħda fuq il-bank tal-injam mal-ġenb tal-Għar, jirrakkuntali l-leġġenda tal-Għar ta' Mikelin. Kien mill-Isla u dil-leġġenda kienet għal qalbu ħafna għax dan l-għar kien qiegħed proprju x-Xatt tal-Isla.

"Hawnhekk tarahx kif inhu llum. Dit-triq ma kinitx teżisti u l-baħar kien iwassal sal-għar. U jgħidu li żmien twil ilu – ħadd ma jaf eżatt meta – għamlet Grigalata qawwija li tellgħet sirena mill-baħar u din daħlet għall-kenn u s-satra tal-Għar ta' Mikelin. Kienet

tħobb tgħum lejn dan-naħat, imbagħad titla' b'ċafċifa u tidħol lura ġol-għar. Hadd qatt ma raha imma minn ġol-għar sikwit kien jinstema' ġmiel ta' għana li kien isaħħar lil kull min jisimgħu:

*Kemm nixtieq insib l-imħabba*
*ħelwa u safja ta' żagħżugħ!*
*Żgur li dan kif lili jara*
*bi ġmieli jibqa' mibluh.*

*Imma kiefer id-destin,*
*Jiena xortija misħuta!*
*Ara ftit! Min qatt se jħobbni?*
*Nofsi tfajla u nofsi ħuta ...*

*Imma x-xewqa tibqa' fija*
*li jitfaċċa daż-żagħżugħ*
*u bil-bewsa li jagħtini*
*jaf jinħall dan il-magħmul.*

"Minn quddiem l-Għar kienu jgħaddu ħafna sajjieda huma u deħlin lura bil-qabda u spiss kienu jistaqsu wieħed lill-ieħor ta' min setgħet kienet dik il-vuċi tant ħelwa. Imma s-sirena ma kienet tħalli lil ħadd jaraha, għax għalkemm kienet mixtieqa għall-imħabba, donnha kellha xi sigriet midfun f'qalbha.

"Jum fost l-oħrajn, kien hemm sajjied żagħżugħ li l-kurżità għelbitu u resaq bil-kajjikk tiegħu qrib ħafna tal-Għar. U hemm, imserrħa ma' blata, ħierġa minn baħar iswed żejt imdawwal biss minn dawl il-qamar, jilmaħ tfajla ta' ġmiel bla qies. Bilkemm ried jemmen lil għajnejh: kienet sirena!

"Mogħmi b'dak il-ġmiel u msaħħar minn dak il-leħen, iż-żagħżugħ sar iħobbha lis-sirena u ma riedx jisma' meta qaltlu li tixtieq tħobbu imma ma tistax. Miskina, ma sabitx il-kuraġġ tistqarrlu s-sigriet tagħha: xi ħadd kien għamlilha magħmul li jekk ibusha bniedem, issir tal-ġebel. Jew forsi baqgħet tittama li l-imħabba tirbaħ fuq kollox.

"Lejla waħda, iż-żagħżugħ mar iżurha bħas-soltu, mellsilha wiċċha u ħares fiss f'għajnejha mimlija mħabba. Ralha d-dmugħ miġmugħ fi xfar għajnejha, għalaq għajnejh ... u biesha."

"Mela allura saret tal-ġebel, papà?"

"Iva, binti. Minnufih dik il-ħlejqa mimlija ħajja saret blata, u jgħidu li għadha hawn, fl-għar tagħha: l-Għar tas-Sirena."

*Paġna 92*

**Festival mimli kuluri**

Wieħed mill-isbaħ festivals li mort is-sena l-oħra kien dak ta' Holi. Kien festival li nibqa' niftakru l-iktar għax kien mimli kuluri: kuluri jgħajtu, kuluri ħajja, kuluri li jferrħuk. Kien hemm ukoll ħafna ikel u anki dan kien mimli kuluri! Il-mużika u l-atmosfera ta' dan il-festival qanqlet fija sens ta' paċi ... sens ta' kalma. Diffiċli nispjega sew kif ħassejtni imma naf fiċ-ċert li dawk l-oranġjo u l-isfar, l-aħmar u l-vjola, il-blu u l-aħdar tawni sens ta' serħan u ħassejtni qed intir bil-ferħ.

Kien Settembru u kienet l-ewwel darba li festival ta' dan it-tip ġie organizzat Malta. Għandna ħafna festivals f'pajjiżna bħalma huma dawk tal-frawli u taż-żejt, taċ-ċikkulata u tal-ħobż. Xi drabi naħseb li għandna ż-żejjed ukoll, imma dik erħilha, għax iktar ma jkollna, iktar in-nies ikollhom fejn imorru. Dan il-festival huwa ispirat mill-festival Indjan Holi, magħruf ukoll bħala l-festival tar-Rebbiegħa. Huwa festival tal-Hindu u permezz tiegħu n-nies jiċċelebraw ir-rebħa tat-tajjeb fuq il-ħażin, it-twelid mill-ġdid tar-rebbiegħa wara l-mewta u t-telqa tax-xitwa. Jiġi organizzat fix-xahar ta' Phalgun, meta l-qamar ikun kwinta. Dan ix-xahar għalina huwa x-xahar ta' Marzu — tmiem ix-xitwa u l-bidu tar-rebbiegħa.

Magħruf l-iktar fil-partijiet tat-tramuntana tal-Indja, imma milli nista' nifhem, sar festival li qed jinfirex sew mad-dinja u mid-dehra issa se nibdew niċċelebrawh f'pajjiżna wkoll. M'għandix minn xiex ingerger jien, daqskemm nieħu gost nitgħallem fuq kulturi differenti, tradizzjonijiet u drawwiet, reliġjonijiet ta' pajjiżi 'l bogħod minn din il-blata f'nofs baħar.

Huwa tassew festival ta' kuluri u fil-fatt kien hemm ħafna nies ipinġu lilhom infushom b'kuluri apposta, u min ried seta' anki jpoġġi u jħallihom ipinġulu wiċċu. Jien hekk għamilt fil-fatt, ħallejthom jiżbgħuli wiċċi kollu bil-kuluri differenti tar-rebbiegħa. Kien hemm nies qed jitfgħu t-trab ta' kuluri differenti fl-ajru. Meta staqsejt xi jfisser, qaluli li t-trab ikkulurit fl-ajru jfisser libertà, imma fuq kollox, it-tradizzjoni tgħid li bis-saħħa t'hekk tkun qed tagħti kulur lill-ħajja.

Il-kuluri ta' dan il-festival ifissru paċi u ferħ. Permezz tiegħu, in-nies ikunu qed jiċċelebraw l-ugwaljanza qalb il-bnedmin. M'hemmx persuna differenti minn oħra; kulħadd huwa l-istess, kulħadd huwa bniedem, anki jekk il-kulur tal-ġilda jvarja minn wieħed għal ieħor.